# Il-Knisja f'Wied il-Għasel

Minn **J.J. Camilleri**

Wied il-Għasel jibda minn wara l-għolja ta' l-Imtarfa, jaqsam il-Mosta u jibqa' sejjer sa ma jiftaħ fil-baħar tas-Salina. Il-wied sabiħ hu l-post tal-ħemda u tal-passiġġati. Hawn jistgħu t-tfal jilagħbu, jixxabtu qalb il-blat u s-siġar, jaqtgħu l-fjuri u jiggustaw l-friefet u l-għasafar itiru. Imma ħafna snin ilu, dan il-wied kien post tal-biża' u ħadd ma kien jersaq 'l hemm.

Fil-wied fil-Mosta, illum hemm knisja żgħira, sabiħa, mibnija fuq għar żgħir. Il-Knisja ta' l-Isperanza tfakkar waħda minn dawk il-ġrajjiet tal-biża' li kienu jiġru meta l-furbani, il-ħallelin tal-baħar Torok, kienu jinżlu l-art fid-dalma tal-lejl. Kienu jidħlu s-Salina bix-xwieni tagħhom, jinżlu l-art, jgħaddu mill-wied u jidħlu baxx baxx aktar 'il ġewwa. Jisirqu kull ma jsibu, jaqbdu u jieħdu lsiera ma' min jiltaqgħu. Din il-knisja bdiet tinbena fl-1760 bil-flus tal-Mostin. Fl-għar ta' taħt il-knisja, li jingħad li kien ikkonsagrat minn seba' isqfijiet, hemm statwa tal-Madonna bil-Bambin.

L-istorja ttenni l-ġrajja ta' ħames aħwa bniet li kienu qegħdin jirgħu l-merħla tagħhom fil-wilġa li qiegħda fuq dan il-wied. Kien ilhom għassa siegħat sħaħ. Għall-ħabta ta' nofsinhar ħarġu mis-sorra l-biċċtejn ħobż li ġabu magħhom u bdew jieklu.

"Ara dik is-sewda fejn marret," qabżet il-kbira fosthom. "Mur keċċiha għax tibqa' sejra u ttini xi triq." Oħtha ż-żgħira tqanqlet minn fejn kienet, qabżet iċ-ċint baxx tas-sejjieħ u ġriet lejn il-mogħża.

"Tza 'l hemm, tza 'l hemm," bdiet tkeċċiha u tgaralha żrar irqiq. Iżda fil-ħin it-tifla waqfet skantata u mbeżżża' tħares, dehrilha li semgħet ħsejjes mhux tas-soltu. Ħassitha tiksaħ bil-qatgħa li ħadet għax rat resqin in-naħa tagħha mill-bogħod xi għaxar Torok. Trekknu kemm setgħu taħt il-blat għoli tal-wied biex kemm jista' jkun ħadd ma jintebaħ bihom. Għarfithom għax kienu lebsin b'ħafna kuluri, bit-turbant abjad f'rashom u bix-xwabel imdendlin ma' qaddhom. It-tifla ħarbitilha twerżiqa bla ma riedet li dwiet ma' kullimkien. It-Torok semgħuha, waqfu biex jaraw mnejn ġiet dil-għajta. Meta raw lil dik it-tifla telqu jiġru warajha.

It-tifla ġriet ħdejn ħutha b'nifisha maqtugħ u tgħajjat "it-Torok, ġejjin it-Torok." L-aħwa ħarbu jiġru minn hemm. Waħda mill-bniet, miskina, ma setgħetx tlaħħaq ma' ħutha għax kienet ftit zoppa mit-twelid. Ma setgħux joqogħdu jistennewha għax x'setgħu jagħmlulha. Kemm beżgħet. Stenniet minn ħin għall-ieħor jaqbduha u jeħduha magħhom ilsira. Semgħethom igeddwu dejjem resqin, setgħet tisma' l-passi tagħhom. Ma felħitx tiġri aktar u għamlet ruħha mitlufa. Saqajha ma felħuhiex aktar. It-tifla meta qatgħet qalbha għal kollox għamlet wegħda lill-Madonna li jekk teħlisha minn idejn il-furbani tibnilha knisja żgħira f'dak il-post.

Fil-pront lemħet għar żgħir fil-blat. It-tifla daħlet fih biex tistaħba.



"Fejn marret? M'għadha tidher imkien," qal wieħed minnhom. "Staħbitilna x'imkien."

"Infittxuha," wieġeb l-ieħor. Fittxew kullimkien u ma sabuhiex.

"Daħlitx f'dan il-għar?" staqsa wieħed minnhom.

Qalb it-tfajla riedet toħroġ bil-biża' li qabditha.

"U kif jista' jkun daħlet hawn," għajjat ir-rajjes. "Ħares il-bokka ta' l-għar kif inhi miksija bl-għanqbut. Kieku xi ħadd daħal fl-għar l-għanqbut ma tqattax?"

Għalxejn fittxewha għax ma sabuhiex, qatgħu qalbhom u daru lura lejn ix-xini. It-tifla ħarġet mill-għar. Qalet lil kulħadd bil-miraklu li għamlet magħha l-Madonna. Żammet kelmitha u bdiet tiġbor il-flus biex tibnilha l-knisja li wegħditha. Inbniet fuq l-istess għar fejn staħbiet it-tifla.

Il-knisja żgħira ta' l-Isperanza fil-Mosta għadha hemm sal-lum. Mir-rixtellu tal-ħadid wieħed għad jista' jara fil-wied taħt il-knisja dan l-għar tal-miraklu.